Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 248 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Anthony Camilleri

Illum is-29 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Camilleri detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 228266 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-23:05hrs, bhala l-persuna li f'ismu ghandu il-licenzja tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Palazzo Villa Rosa', li jinsab gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan

1. Ggestixxa attivita kummercjali bil-permess / bla permess, liema attivita` qieghda f' zona urbana u ggenera storbju li seta' jinstema' minn barra dan il-post u li seta' jikkawza sikkattura jew disturb lill-girien u dan b' daqq ta' muzika minn live band jew muzika amplifikata bejn 23:00hrs u 09:00hrs.
2. Ippermetta jew halla li f' dan il-hanut jsir kant jew hsejjes li setghu jdejqu jew b' xi mod iehor jiddisturbaw lill-girien.
3. Haddem jew ippermetta li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat iehor simili, jew gieghel jew ippermetta li jsiru hsejjes daqshekk qawwa li jdejqu lill-girien li joqghodu f' bini qrib.
4. U aktar talli ippermetta lil Francis Agius li jaghmilha ta' sostitut tieghu minghajr licenzja tal-Awtorita` kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artiklu 9 tal-Avviz Legali 1 / 2006, l-Artiklu 23 tal-Avviz Legali 92 / 69 u l-Artikolu 41 (2) (a) (b) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u ikkundannatu ghall-piena tal-ammenda fis-somma komplessiva ta' elf euro (€1,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Anthony Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar l-4 ta' Mejju, 2017 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u tiddikkjara l-istess sentenza bhala nulla u bla effett u, f' kaz li ma tilqghax l-ewwel aggravju, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet addebitati u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u / jew tvarja l-istess sentenza f' dik il-parti li tirrigwarda l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-esponent jecepixxi n-nullita` tas-sentenza appellata stante li l-Artikolu 9 tal-A.L. 1 / 06 u Artikolu 23 tal-A.L. 92 / 69 m' humiex id-dispozizzjonijiet tal-ligi li joholqu r-reati li bihom l-esponent kien akkuzat f' dawn l-imputazzjonijiet u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 382 tal-Kap. 9. Certament in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni ebda wiehed mill-Artikoli citati ma ghandu xi rilevanza ghail-kaz.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata u skoretta tal-ligi bil-konsegwenza li l-esponent instab hati ta' dan ir-reat meta ma kellux jinstab hati.

   F' dan il-kuntest l-esponent jirrileva li skont id-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li huwa ghandu licenzja mahruga mhux mill-Malta Tourism

Authority izda mit-Trade Licenses Department sabiex jikri l-Villa Rosa ghat-tigijiet u receptions.

B' hekk fl-ewwel lok l-esponent ma ghandu ebda licenzja ta' hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz kif indikat fic-citazzjoni.

Fit-tieni lok l-Artikolu 42 (2) (a) u (b) tal-Kap.9 johloq, bhala s-suggett attiv tal-kontravenzjoni, il-persuna li effettivament ikun qieghed iwettaq l-atti msemmija fl-istess Artikolu. Ir-responsabilita` ma testendix ghad-detentur tal-licenzja. Essendo li din hija offiza ta' natura kontravenzjonali wiehed irid jimxi mad-dicitura tal-ligi. Kien f' dan is-sens li huwa argument quddiem l-Ewwel Qorti li r-responsabilita` kellha tingarr mill-persuna li kriet il-post u li kellha l-obbligu kuntrattwali impost fuqha li tosserva l-ligijiet vigenti. Din ukoll kienet ir-rilevanza tal-impozizzjoni ta' kundizzjoni li dik il-persuna li tikri l-post trid ukoll tiehu hsieb li jkun hemm il-prezenza tal-Pulizija waqt l-attivita` li jkun qed jorganizza. In effetti, dakinhar jirrizulta mill-atti, proprju dan kollu — il-kirja, it-tieg, il-kuntratt u l-prezenza tal-Pulizija.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess l-esponent ma setgha qatt jinstab hati tar-raba imputazzjoni.
4. Illi l-piena hija eccessiva u fuq kollox mhux konformi ma dak li jipprovdu l-Artikoli 319 (1) u 320 tal-Kap. 10 ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Kap.9.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-7 ta' Diċembru 2017 li permezz taghha gie milqugh  l-ewwel aggravju ssollevat mill-appellant u għaddiet sabiex tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti ordnat li l-każ jiġi trattat mill-ġdid fil-mertu u l-aggravji tal-appellanti jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet in difeża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.[1]

Ikkunsidrat

Illi jirriżulta mill-provi li nhar is-16 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' bil-lejl, il-pulizija ta' San Ġiljan irċevew rapport minn diversi persuni rigward storbju ġenerat minn musika provenjenti mill-istabbiliment Villa Rosa, gewwa San Giljan. Meta l-pulizija ndagaw huma kkonfermaw dak li kien ġie rappurtat lilhom, liema muzika kienet qed tinstema' sahansitra minn Pembroke. Fil-fatt hekk kif il-pulizija wasslu fuq il-post sabu li kien ghaddej riċeviment tat-tieġ fejn kien hemm *live band* qed

[1] Nhar l-4 ta' Ottubru 2018.

idoqq il-muzika b'volum gholi u li allura kienet qed tinstema konsiderevolment minn diversi inhawi tal-madwar. Mill-istharrig maghmul mill-pulizija fuq il-post, irrizulta illi l-persuna responsabbli ghall-istabbiliment ma kenitx presenti. Meta ġew mitkellma l-*best man* u l-*bridesmaid,* dawn gew ordnati iwaqqfu l-muzika billi kienu skorrew il-hdax ta' fil-ghaxija, izda gew infurmati li huma kienu iffirmaw kuntratt fejn fost il-kundizzjonijiet stipulati, il-*live band* seta' jibqa' jdoqq sas-1:00am. Iktar tard niżel l-għassa tal-pulizija certu Francis Agius Id 159566M fejn ġie nfurmat bir-rapport li kien sar u ġie nfurmat li kienu ser jinħarġu l-akkużi skont il-ligi minhabba dan in-nuqqas. Irriżulta madankollu mill-investigazzjonijiet magħmula li l-istabbiliment in kwistjoni kien liċenzjat validament f'isem l-appellant u dan bl-iskop li jinkera għal tiġijiet jew riċevimenti oħrajn u dan apparti liċenzja oħra mahruga għal skopijiet differenti.[2]

Ikkunsidrat

Illi ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fattispecje li sawwru dan il-kaz. Dan qed jingħad peress illi hemm qbil bejn il-partijiet għal dak li jirrigwarda l-muzika għolja li kienet qed tindaqq fil-ħin ta wara l-ħdax ta' fil-ghaxija kif ukoll li l-fond in kwistjoni kien liċenzjat f'isem l-appellant[3]. Madankollu l-appellant qiegħed jissottometti illi ma setax jinstab ħati tal-ebda waħda mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu peress illi l-ewwel tlett reati ppostulati kontra tiegħu huma ta' natura kontravenzjonali li jirrikjedu li tiġi ppruvata l-volontarjeta' tal-ħati u li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirriżultax peress illi ġie konċess li kien hemm kuntratt privat li sar ma terżi persuni li krew is-sala u li skont dan il-kuntratt kellhom l-obbligu legali li josservaw ir-regolamenti pertinenti għal dan il-każ. Dan fil-fehma tieghu ifisser illi huwa ma jistax jitqies responsabbli ghan-nuqqasijiet tagħhom, iktar u iktar meta fil-kuntratt tal-kiri hemm stipulazzjoni cara dwar id-daqq tal-muzika.

Ghal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni, jidher li l-Avukat Generali qieghed jikkoncedi illi din ma tirrizultax ippruvata u li allura l-appellant kellu jigi illiberat mill-istess. In oltre fir-rigward tan-natura tal-attivita` kummerċjali mertu ta' dan il-każ, il-fakolta tal-*substitute licencee* ma tapplikax skont il-liġi.

[2] Ara folios 16 et seq.
[3] Fol.19 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Illi ghalkemm fiż-żmien mertu tal-każ kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 1/2006 bl-ewwel imputazzjoni allura taqa' taht ir-regolament 9 tat-Tieni Skeda (u mhux kif erronjament indikat mill-Ewwel Qorti ir-regolament 9 tal-Avviz Legali), dawn ir-regolamenti gew ittrasportati fl-Avviż Legali 420/2016 kif emendat bl-Avviz Legali 117/2017 li llum jinstab inkorporat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07[4] . Illi r-regolament 9 taħt it-Tieni skeda ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja jaqra kif ġej:

> ***"Ebda attivita' kummerċjali li tkun tinsab f'żona urbana ma tista' tiġġenera xi ħoss li jista jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien bid-daqq ta' mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-ħinijiet tal-11:00pm u d-9:00am tal-għada filgħodu u bejn is-1:00pm u l-4:00pm. "***

In oltre il-leġislazzjoni sussidjarja tagħmilha ċara illi l-kundizzjonijiet li jinsabu fit-Tieni Skeda "**għandhom <u>japplikaw għall-attivitajiet kummerċjali kollha</u> sew jekk ikollhom jew ma jkollhomx liċenza minn xi awtorità u jkunu regolati b'xi liġi."**

Illi d-diċitura tar-regolament 9 taħt it-Tieni Skeda tal-Avviż legali 1/2006 li kien *in vigore* u allura applikabbli fiz-zmien tal-allegat kummissjoni tar-reat ftit li xejn huwa differenti minn dak taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 441.07 bid-differenza pero li l-ħinijiet indikati kienu limitati għall-ħin ta' bejn il-ħdax ta' filgħaxija u tad-disgħa tal-għada filgħodu.[5]

Illi l-Kapitolu 441[6] nnifsu, jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi Attivita' Kummerċjali meta hemm stipulat li din ***'tfisser <u>l-eserċizzju ta' xi attivita' kummerċjali jew ekonomika</u>[7] inkluż il-bejgħ ta' oġġetti, u <u>l-għoti ta' servizzi</u> kif jista' jiġi preskritt, irrispettivament minn jekk dik l-attivita' kummerċjali tiġix eżerċitata***

[4] Regolamenti dwar il-liċenzi tal-Kummerċ.

[5] *L-ebda attivikat Kummerċjali li qedgħda f'żona urbana ma tista' tiġġenera storbju li jista' jinstema minn barra tal-post li jikkawża sikkatura u disturb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika b'live bands jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn l-11:00pm u d-9:00am ta' l-għada.*

[66] L-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.

[7] Emfazi ta' din il-Qorti.

***minn postijiet kummerċjali jew xort' oħra iżda m'għandhiex tinkludi attivita' kummerċjali regolata taħt xi liġi oħra'.***[8] (sottolinjar tal-Qorti)

Illi imbaghad t-tieni akkuża, hija regolata mill-artikolu 23 tal-AL92/1969 illum il-ġurnata nkorporata fil-leġislazzjoni sussidjarja 10.09[9] liema regolament (23) jaqra kif ġej:

> ***"Ebda persuna bil-liċenzja[10] ma għandha tħalli fil-ħanut, la b'inhar u lanqas bil-lejl, kant jew ħsejjes li jistgħu jdejjqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u hija għandha tibgħat l-barra mill-ħanut lil kull min ikujn xurban, jew li bi kliem, b'ġesti jew xort'oħra juri li jrid iqajjem storbju. "***

Finalment it-tielet akkuża, hija regolata mill-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

> ***Ħadd ma jista'***
> ***(a) Fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew***
> ***(b) F'kull bini ieħor,***
> ***Billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramafon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqgħodu f'bini fil-qrib.***

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni ghandu jirrizulta illi ghall-attivita` kummerċjali mertu ta' dan il-każ, il-hatra ta' sostitut ghal persuna li f'isimha hija mahruga il-licenzja, ma hijiex moghtija skont il-ligi. Dan ghaliex huwa biss ghar-rigward ta' bejjiegħa fis-suq jew fi ħwienet fit-termini tal-leġislazzjoni sussidjarja 441.07 jew alternattivament taħt r-regolamenti mahsuba fl-Avviz Legali 128/2002 li tirregola s-servizzi tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu għal Malta, li jissemma l-hatra tas-sostitut, liema attivitajiet kummercjali ma ghandhomx x'jaqsmu mal-attivita` kummerċjali mertu tal-każ in kwistjoni. Fil-fatt fuq dan il-punt ta' dritt jidher li hemm qbil bejn il-partijiet u allura il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant minn din ir-raba imputazzjoni.

---

[8] Artikolu 2 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.

[9] Regolamenti dwra Ħwienet għall-Bejgħ ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika).

[10] Emfazi ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi l-istess ma jistax jinghad, madanakollu ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra addebitati lill-appellant.

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jishaq illi huwa ma jista' qatt jinsab hati tal-akkuza kif ippostulata fil-konfront tieghu. Dan ghaliex huwa iccitata bhala "l-persuna li f'ismek ghandek il-licenzja tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem 'Palazzo Villa Rosa'", meta dan l-istabbiliment fil-fatt mhuwiex licenzjat kif iccitat iżda l-użu tal-istess stabbiliment huwa dak ta' sala għat-tiġijiet jew għal riċevimenti oħra taħt il-liċenzja 70.2.

Illi l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ifassal dak li għandu jkun rifless fiċ-ċitazzjoni fejn il-liġi tipprovdi li din għandha *'ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos milli tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat'.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Raymond Cutajar, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat is-segwenti.

> ***'....l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:***
>
> ***"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta***

*tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."*

*U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza flismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:*

*"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.*

.....

*Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

*Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Philip Schembri moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:*

*"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."* [11]

Dan ifisser illi ghalkemm ic-citazzjoni jista' ikun fiha xi fatti zbaljati, dan madanakollu ma jirrendiex dik ic-citazzjoni awtomatikament nulla diment illi l-persuna mharrka tkun tista' tifhem in-natura tal-akkuzi lilha addebitati. Issa f'dan il-kaz huwa indubitat illli l-persuna li f'isimha hemm il-licenzja tal-istabbiliment Palazzo Villa Rosa, huwa l-appellant, li qed jigi akkuzat talli fil-gurnata u il-hin indikat fl-istess akkuza

[11] Appell numru 70/10 deċiża mill-Imħallef David Scicluna nhar l-24 ta' Marzu 2010.

ippermetta li tindaqq muzika b'volum gholi b'mod li kien qed idejjaq lill-girien u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja mahruga f'ismu. Illi l-fatt li l-istabbiliment gie indikat bhala hanut tax-xorb ma jistax ifisser li qed isir referenza ghal xi stabbiliment iehor u mhux dak indikat fil-licenzja. Illi l-appellant kien ikollu ragun li kieku l-istabbiliment gie indikat b'isem iehor, li mhux il-kaz, tant illi huwa setgha jifhem perfettament ghal liema licenzja qed tirreferi l-akkuza. Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-Qorti qed tichad din id-difiza imqanqla mill-appellant.

Ikkunsidrat

Illi l-appellant imbaghad jikkontendi illi meta is-sala kienet inkriet ghall-iskop li isir fih ir-riceviment ta' tieg, kien gie iffirmat kuntratt ta' kiri fejn allura ir-responsabbilta' ghall-osservanza tar-regolamenti tal-licenzja gie ittrasferit fuq isem il-persuni li iffirmaw l-imsemmi kuntratt u li allura f'isimhom inkriet is-sala ghad-data indikata fl-akkuza. Mhux biss izda jishaq illi fil-kuntratt ta' kiri hemm stipulat illi l-muzika ma tistax tindaqq b'tali mod li tiggenera storbju eccessiv u idejjaq lill-girien biex b'hekk il-kontraenti jintrabtu ghall-osservanza ta' din il-kundizzjoni.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax taqbel ma' din il-linja difensjonali. Dan ghaliex mid-diċitura tal-ligi, kif hawn fuq iccitata, huwa l-appellant bhala l-persuna illicenzjat biex jiggestixxi l-istabbiliment Palazzo Villa Rosa, li huwa responsabbli ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu bil-ligi ghall-ghoti tal-imsemmija licenjza. L-appellant jew inkella il-licensee ma jistax jidderoga minn din ir-responsabbilta` penali billi jittrasferixxi l-istess lil terzi meta l-ligi ma taghtihx il-jedd li jaghmel dan.

Gjaladarba l-kiri ta sala ghat-tigijiet hija meqjusa bhala "Attivita Kummerċjali", fit-termini tad-definizzjoni moghtija bil-ligi u gjaldarba l-licenzja ghat-tmexxija ta' dik l-attivita kummercjali tinsab f'isem l-appellant, kwindi hu ghandu iwiegeb ghan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet li fuqhom hija mahruga dik il-licenzja.
Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, mahruga fit-termini tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta din hija waħda ġenerika għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' penali u allura tinkorpora kemm il-persuna li tkun qed iddoqq il-muzika jew tippermetti d-daqq

tagħha.  Gjaldarba l-appellant bhala l-persuna illicenzjata biex tiggestixxi l-istabbiliment bl-iskop li din tinkera sabiex isiru fiha ricevimenti fejn isir id-daqq tal-muzika, huwa jibqa' responsabbli ghan-nuqqasijiet kollha li isegwu minhabba non-osservanza tal-kundizzjonijiet imposti fuqu b'dik il-licenjza, kif inghadd.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, wara li rat ir-regolament 9 tat-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 1/2006, kif sostitwit permezz tal-Avviż Legali 420/2016, ir-regolament 23 tal-AL92/1969 illum il-ġurnata nkorporata fir-regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09, l-artikolu 41(2)(a)(b) u 319 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 18(1)(a) tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 17(d)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-appellant mir-raba imputazzjoni, issibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għal ammenda fis-somma komplessiva ta' mitejn u hamsin  Euro (€250).

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur